Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0199

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel (COM(2024)0577 – C10-0209/2024 – 2024/0319(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0577),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 42, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0209/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Marzu 2025[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Mejju 2025[2],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Marzu 2026, li japprova l-pożizzjoni msemmija, skont

---

1 ĠU C, C/2025/2969, 16.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2969/oj.

2 ĠU C, C/2025/3479, 16.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3479/oj.

l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-0161/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt[3];

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[3] Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-8 ta' Ottubru 2025 (Testi adottati, P10_TA(2025)0214).

P10_TC1-COD(2024)0319

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Ġunju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament(UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1739.)